MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1168/1977/1

**John Fauzza;**
**U b'digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Lulju 1998 l-atti gew trasfuzi f'isem Raymond Fauzza u Alfreda Cassar stante l-mewt fil-mori tal-kawza ta' l-attur John Fauzza**

**Vs**

**Dr. Carmelo Mifsud Bonnici bhala kontrollur u in rapprezentanza ta' Castile Hotel; u b'digriet tal-Qorti tad-9 ta' Gunju 1993, l-atti tal-kawza ghaddew fil-persuna ta' Emmanuel A. Bonello minflok Dr. Carmelo Mifsud Bonnici bhala Kontrollur tas-socjeta` konvenuta**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur kien impjegat mal-Lukanda Castile bhala Restaurant u Catering Manager b'kuntratt ta' mpjieg li beda jsehh mit-23 ta' Frar 1970 ghal zmien ta' hames snin li rega ggedded awtomatikament ghal ghames snin ohra;

Premess illi l-konvenut *nomine*, bla ebda raguni valida fid-dritt kecca lill-attur minn dan ix-xoghol tieghu u b'hekk kiser il-kondizzjonijiet ta' l-istess kuntratt tax-xoghol ta' l-attur kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-attur sofra danni serji kif jirrizulta bhala telf ta' qliegh u danni ohra;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tkeccija mill-impjieg ta' l-attur mill-konvenut *nomine* saret bla ebda gusta kawza a tenur tal-ligi;

2. Konsegwentement tiddikjara li din l-istess tkeccija bhala nulla u bla ebda effett;

3. Konsegwentement tillikwida l-ammont dovut lill-attur skond il-ligi minhabba f'din it-tkeccija u tordna lill-istess konvenut *nomine* li jhallas lill-attur l-ammont li jigi hekk likwidat minn din il-Qorti;

Bl-interessi u bl-ispejjez kontra kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici kienu infondati fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez peress li:

a) it-terminazzjoni mill-impjieg ta’ l-attur fil-lukanda Castille kienet gustifikata;

b) kuntratt ta’ impjieg ghal zmien definit bhal dak *de quo* (Dok. B) kien f’kull kaz terminabbli validament qabel l-gheluq tat-terminu;

c) l-attur kien irrifjuta bla raguni valida li jahdem f’lukanda ohra wkoll taht il-kontroll tal-konvenut;

d) fi kwalunkwe kaz it-terminazzjoni ingusitfikata ta’ kuntratt ta’ impjieg ghal zmien definit kienet pprovduta fil-ligi u l-kumpens kien kwantifikat u ma jigix likwidat gjudizjarament;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-30 ta’ Novembru 1977 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Ciappara biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 127 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-17 ta’ Ottubru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-kwestjoni li trid tigi deciza f'din il-kawza hi wahda ta' fatt, dipendenti mix-xhieda u minn ezami tal-kuntratt ta' impjieg (fol. 6 ri-esebit a fol. 80) intercedut bejn il-kontendenti, salvi, s'intendi, ir-riljievi legali li jghoddu ghal kaz;

F'materja koncernanti r-relazzjoni bejn haddiem u min ihaddem wiehed ma jistax, bhala punt ta' tluq, jonqos milli jenfasizza n-necessita` u l-htiega li r-rapporti bejniethom ikunu mhux biss tajbin u, fejn mehtieg, konsolidati izda fuq kollox ekwilibrati u mharsa sew. Biex jinzamm dan l-ekwilibriju jezistu regoli u sanzjonijiet precizi. Hafna jiddependu mill-bwona volonta`, l-agir u s-*savoir faire*;

Effettivament il-ligi specjali ossija "*the Act of 1952 laid down the law relating to conditions of employment in a much more comprehensive way than before. It is obvious that the law in general seeks to regulate conditions of employment in respect of both employer and employee; but it is equally obvious from various parts of the Act itself that the law is primarily concerned with the protection of employees*" – "**Sylvia Falla –vs- Ernest Jennings *nomine***", Appell Kummercjali, 14 ta' April 1969;

Huwa fl-ambitu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ta' fatt u ta' dritt, li l-materja hawn agitata trid tigi ndagata;

L-attur jibda biex jippremetti illi huwa kien impjegat bhala Restaurant u Catering Manager fil-Lukanda Castille minn fejn safa mkecci fil-21 ta' Gunju 1976 (Ara Discharge Certificate, fol. 75). Huwa jsostni li dan l-impjieg tieghu kien minghajr gusta kawza;

Minn naha tieghu l-konvenut *nomine* (fol. 40) jadduci dawn il-motivi ghal licenzjament ta' l-attur:-

(a) Principalment l-atteggjament ta' l-attur di fronte ghal Mario Azzopardi, acting manager tal-lukanda, kif ukoll fil-konfront ta' Charles Cassano, awditur responsabbli mill-auditing ta' l-istess lukanda. Ghal konvenut *nomine* dan l-

atteggjament kien ir-rizultat ta' rapporti li kellu fuq il-komportament ta' l-attur. *Inter alia*, t-theddid u attentati ta' hebb ghall-imsemmija persuna;

(b) Id-deterjorament fir-relazzjonijiet bejn l-attur u impjegati ohra, kompriz il-persuni f'posizzjoni ta' responsabilita` u konsistenti f'ostakolar ta' implimentazzjoni ta' decizjonijiet u tfixkil fil-qadi ta' dmirijiethom;

Huwa pacifiku illi "ir-raguni tajba ghal licenzjament qabel iz-zmien trid tigi ppruvata mill-padrun li jallegaha" ("**Spizjar George Mallia –vs- Joseph Azzopardi *et***", Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Gunju 1951). Li jfisser li wiehed irid jezamina jekk l-addebiti promossi kontra l-attur jirrizultawx u jekk gewx fuq kollox pruvati. Sussegwentement, jekk l-ezitu jkun fl-affermattiv, il-piena tat-tkeccija kienetx kommensurata ma' l-att jew atti attribwibbli lilu, dejjem tenut qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Tajjeb li jigi osservat dak kaptat minn gurisprudenza affermata, kompriz dik appena accennata, illi l-motiv tal-licenzjament irid ikun abitwali jew ta' certa gravita`. Kif jinghad a propozitu fid-decizjoni "**Paolino Caroll –vs- Vincenzo Zarb**", Qorti tal-Kummerc, 6 ta' Gunju 1935, "*l'insubordinazione del commesso puo` essere causa del suo immediato licenziamento da parte del principale, se la stessa sia abituale o di natura grave.*";

Din il-gravita` tista' tirrizulta mill-fatt fih innifsu jew, inkella, kif illustrat ukoll minn gurisprudenza fuq il-principju, minn reiterazzjoni sistematika ta' fatti diversi. Jinsab rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Emilio Colombo –vs- Carmelo Wismayer *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 26 ta' Settembru 1953, illi "l-kawzali gustifikativi tal-licenzjament immedjat iridu normalment ikun gravi u ripetuti, u mhux biss okkazjonali jew kazwali; imma mhux eskluz li anke raguni gravi wahdenija, taht ic-cirkostanzi ta' certi kazi, anke mhux reiterata jew kawzali, tista' tigi kunsidrata gravi u

gustifikativa ta' recess immedjat, nonostante li tkun timplika provvediment hekk qawwi u ahrax.";

Din l-istess sentenza tghaddi mbaghad biex tezemplifika certi normi direttivi fuq is-suggett. *Inter alia*, li l-gravita` tar-raguni tkun tali li tirrendi l-assoluta impossibilita` tal-presenza tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol;

Jidher, fil-fehma ta' din il-Qorti, mir-relazzjoni peritali, illi l-espert legali fil-persuna tal-kompjant kollega l-Avukat Joseph M. Ciappara immizura sew l-addebiti tal-konvenut *nomine* fil-konfront ta' l-attur, u l-konkluzjoni li wasal ghaliha fuq l-apprezzament tal-provi u tal-principji guridici li jghoddu ghal kaz ma jidherx li, kollox ma' kollox, tista' tkun censurabbli;

Huwa minnu li certu agir ta' l-attur seta' jigi deskritt bhala "goff" u ta' komportament iraxxibbli u aggressiv partikolarment fil-konfront ta' Mario Azzopardi, izda apparti li dawn kienu incidenti zghar u sporadici, wiehed irid necessarjament jezaminahom, anke minn ottika kritika, fic-cirkostanzi partikolari li fihom zvolgew. Huwa mpellanti f'sitwazzjonijiet tempestivi li jinsorgu anke f'rapporti bhal dawn illi wiehed jirrikorri ghat-trazzin fid-diskors u mhux l-anqas ghas-*savior faire*. Dan ighodd ghal kull min ikun involut f'cirkostanzi konsimili;

Dan ma jfissirx lil-Qorti qed tikkondona l-agir jew ma tqisx il-kliem offensiv jew ta' theddid bhala ezemplari li jaqghu fil-katergorija ta' atti gravi, jew li dawn ma jwasslux ukoll ghar-rimedju drastiku tal-licenzjament ta' min ikun hati taghhom. F'dan il-kaz pero` l-Qorti tara cirkostanza ta' mitigazzjoni bil-fatt li l-attur kien jiddispjacih u jitlob skuza;

Ma' dan hemm maghduda l-osservazzjoni tal-perit legali f'parafrafu 21 tar-rapport tieghu esprimenti l-fehma tieghu illi "l-allegati nuqqasijiet ta' l-attur, li kienu relattivament ta' ftit importanza u certament ma jikkwalifikawx bhala "*gross misconduct*", ma kienux tali li jimmerithom tkeccija,

specjalment fin-nuqqas da parti ta’ l-*employer* ta’ ‘*adequate warning*’.”;

Minn dak rizultanti mill-provi hemm zewg aspetti li gew rilevati u kommentati fit-tul mill-perit legali. Dik koncernanti l-fatt li l-attur ma nghata l-ebda ‘*warning*’ bil-miktub, ghalkemm gie imwissi bil-fomm. Proprju fuq dan il-punt gie osservat mill-Qorti ta’ l-Appell, Sede Civili, tat-13 ta’ Gunju 1995 fil-kawza “**Salvino Borg D’Anastasi –vs- Ian De Cesare *et nomine***”, “illi r-regola tal-*warnings* giet stabbilita biex jigu evitati tkeccijiet vessatorji, oppressivi jew motivati minn skatti momentanei”;

Hemm imbaghad l-aspett l-iehor ossija l-lanjanza ta’ l-attur illi l-konvenut *nomine* “qatt ma tani *chance* inkellmu”. Dan fis-sens li hu ried jispjegalu l-posizzjoni u l-kondotta tieghu;

Fuq dawn iz-zewg aspetti jghodd l-insenjament fis-sentenza tal-Qorti Ingliza citata mill-perit legali fejn inghad illi min ihaddem “*can properly only dismiss an employee after due warnings and after giving the employee a chance to explain his conduct*” (“**Pringle –vs- Lucas Industrial Equipment Ltd**” – 1975, I. R. L. R. 266);

Minn dak emergenti wkoll mill-provi, apparti mill-karattru impulsiv tieghu johrog ritratt aktar sobreju ta’ l-attur. Kemm id-diversi dokumenti u missivi esebiti ta’ klijenti li ffrekwentaw il-lukanda kif ukoll mix-xhieda, kompriz dawk ta’ Charles Cassano u ta’ Mario Azzopardi, ilkoll esprimew il-veduta li l-attur hu “bniedem ta’ l-affari tieghu” u “onest f’xoghlu” (Charles Cassano, fol. 31 u 32) u “jaghmel ix-xoghol tieghu sew” (Mario Azzopardi, fol. 33);

Meta jitqieghed dan kollu f’mizien u jigu mwiezna t-tajjeb u l-hazin ta’ l-attur dan ghandu, fl-opinjoni tal-Qorti, ixaqleb favur l-attur. Il-kliem goff u certa attitudni, anke jekk mhux lodevoli, ma kellhomx iwasslu ghal mizura estrema tal-licenzjament bla indenniz. Mehuda kollha flimkien u fic-

cirkostanzi li fihom originaw jista' jinghad li t-tkeccija kienet ingustifikata u llegittimata;

Issa konsiderat il-fatt illi l-kuntratt ta' impjieg ta' l-attur kien ghal zmien definit il-kwestjoni kellha tkun regolata mid-disposizzjonijiet specifici tal-Kapitolu 135 jew l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg.  Senjatament l-Artikolu 34 (11) tieghu li hekk jipprovdi:

"Principal li jibghat 'il barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem."

Dwar din id-disposizzjoni, u essenzjalemnt dwar l-interpretazzjoni tal-frazi "jibghat 'il barra", gie osservat illi "l-ligi la tidentifika cirkostanzi u lanqas tiddetermina kriterji dwar meta jkun gustifikat li wiehed jikkonkludi li din it-terminazzjoni hesrem ta' l-impjieg ikun avvera ruhu.  Il-ligi allura thalli spazju ghall-interpretazzjoni imma ghandu jkun car illi t-terminu 'jibghat 'il barra' hu wiehed li jimporta finalita` fis-sens li d-decizjoni tas-sid kellha tkun wahda permanenti u rrevokabbli" – "**William Saliba –vs- Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine***", Appell, 9 ta' Mejju 1997;

Fil-kaz in ezami l-attur gie mibghut 'il barra ossija licenzjat fil-21 ta' Gunju 1976.  Dan kif inhu hekk konfermat mid-Discharge Certificate esebit a fol. 75 tal-process;

Jirrizulta mill-kuntratt ta' impjieg li l-attur kien issokta fl-impjieg fil-fazi tat-tieni perjodu ta' hames snin li bdiet fl-24 ta' Frar 1975.  Dan ifisser illi, *rebus sic stantibus*, il-kuntratt kien jittermina ruhu b'mod definittiv fit-23 ta' Frar 1980.  Li jfisser li mid-data tal-licenzjament il-kuntratt kien ghad baqalu erba' snin u nofs biex jintemm;

Jirrizulta mir-*return* tal-PAYE (fol. 79) illi l-paga *average* ta' l-attur kienet ta' tletin lira Maltija (Lm30) gross fil-gimgha.

Dan ifisser fuq bazi ta' erba' snin u nofs (4½) l-attur kien ikun intitolat ghad-dhul gross f'paga ta' sebat elef u ghoxrin lira Maltija (Lm7020);

Riportata l-qaghda ghal dak kontemplat fil-precitat Artikolu 34(11) dan ifisser illi l-konvenut *nomine*, *qua* principal, hu obbligat jivversa lill-attur nofs is-somma fuq kalkolata, jigifieri tliet elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm3510);

Huwa evidenti illi r-ragjonament addott mill-perit legali dwar id-danni u l-kalkolu taghhom huwa ghal kollox zbaljat in kwantu naqas li japporta l-kwestjoni fuq il-binarju legali korrett li jghodd ghal kaz taht konsiderazzjoni. Huwa indiskuss illi meta l-materja hi artikolata f'disposizzjoni espressa tal-ligi, hi din l-istess ligi, u din biss, li ghandha tkun applikata;

Id-danni reklamati ma kellhomx allura jigu kalkolati, b'applikazzjoni generali tal-principji tad-dritt in materja ta' danni izda kellhom jigu konsiderati u jircievu sostenn biss, u b'mod specifiku entro il-parametri tal-ligi specjali. Fuq il-bazi ta' din il-konsiderazzjoni l-Qorti qed tiskarta l-konkluzjoni tal-perit legali f'dan il-kuntest;

Fl-ahharnett irid jinghad illi ghalkemm il-konvenut kien ressaq nota ghan-nomina ta' periti addizzjonali (fol. 184) jidher li, imbaghad, tilef kull interess f'din it-talba tant li hu stess akkweixxa li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Ara verbali tat-30 ta' Novembru 1998 (fol. 189) u tad-9 ta' April 1999 (fol. 192).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-licenzjament ta' l-attur mill-impjieg saret bla ebda kawza gusta skond kif mil-ligi mahsuba;

Tichad it-tieni talba billi t-tkeccija jew temm ta' l-impjieg ma tistax tkun null jekk hi prevvista mil-ligi, ex-Artikolu 34(11) tal-Kapitolu 135;

Tilqa' pero` t-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenut *nomine* jhallas lill-attur is-somma ta' tliet elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm3510) korrispondenti ghan-nofs il-paga li l-attur kien ikun intitolat ghaliha ghal bqija taz-zmien espressament miftiehem skond il-kuntratt ta' impjieg tad-9 ta' Frar 1970, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------